**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Simon Galea**
**Spettur Noel Cutajar**
**V**

**KEVIN FALZON**
**BRIAN AGIUS**
**NOEL CALLEJA**
**JOSEPH CALLEJA**

**Illum, 27 ta' Settembru, 2001**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **KEVIN FALZON** ta' ghoxrin sena bin Jimmy u Connie nee Cassar, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Mejju, 1979 u joqghod Block 4, Flat 12, Triq id-Deheb Fin, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 258979M, **BRIAN AGIUS** ta' wiehed u ghoxrin sena, bin Michael u Tessie nee Agius, imwieled Pieta nhar t-tnejn ta' Settembru, 1978 u joqghod Flat 2, Entratura E, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita numru 490478M, **NOEL CALLEJA** ta' ghoxrin sena bin il-mejjet Joseph u Lucia nee Salerno, imwieled Pieta nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru, 1979 u joqghod Flat 8, Block G, Binja Santa Venera, Santa

Venera, detentur tal-karta tal-identita numru 44180M u **JOSEPH CALLEJA** ta' wiehed u ghoxrin sena bin il-mejjet Joseph u Lucia nee Salerno, imwieled Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju, 1978 u joqghod Flat 8, Block G, Binja Santa Venera, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita numru 300578M gew imressqa quddiemha akkuzati **ilkoll** talli

a. fil-lejl ta' bejn l-erbatax w il-hmistax ta' Settembru, 1998 mill-Gzira serqu diversi oggetti tal-HiFi minn stabbiliment maghruf bl-isem Northern TV and Radio Service li jinsab fil-Gzira, liema serq huwa aggravat bil-mezz, vjolenza numerika, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin u li sar ghad-detriment ta' Stephen Testa;

b. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsarat fil-bini tal-istabbiliment maghruf bl-isem Northern TV and Radio Service, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin u li sar ghad-detriment tal-istess Stephen Testa;

c. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom diversi affarijiet tal-HiFi li jammontaw

ghal aktar minn elf lira maltin jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghhom jew jmexxuhom;

d. talli fil-lejl ta' bejn l-wiehed u ghoxrin u t-tnejn u ghoxrin ta' Awissu, 1999 minn Santa Venera serqu diversi oggetti minn stabbiliment maghruf bl-isem ta' Centro Casalinga li jinsab f'Santa Venera, liema serq huwa aggravat bil-mezz, vjolenza numerika, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin u li sar ghad-detriment ta' Michael Scerri;

e. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsarat fil-bini tal-istabbiliment maghruf bl-isem ta' Centro Casalinga, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin u li sar ghad-detriment tal-istess Michael Scerri;

f. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom diversi affarijiet li jammontaw ghal aktar minn elf lira maltin jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar

f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghuhom jew jmexxuhom;

g. talli fl-istess cirkostanzi serqu vettura tal-ghamla vann tal-ghamla Marina bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur, bil-hin, bil-mezz u li sar ghad-detriment ta'  nies li s' issa mhux maghrufa;

h. talli fil-lejl ta' bejn t-tnejn u ghoxrin u t-tlieta w ghoxrin ta' Awissu, 1999 minn Ta' Xbiex serqu diversi oggetti minn stabbiliment maghruf bl-isem ta' Link Projects li jinsab f'Ta' Xbiex, liema serq huwa aggravat bil-mezz, vjolenza numerika, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin u li sar ghad-detriment ta' Jeremy Francis Holland;

i. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsarat fil-bini tal-istabbiliment maghruf bl-isem ta' Link Projects, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin u li sar ghad-detriment tal-istess Jeremy Francis Holland;

j. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom diversi affarijiet li jammontaw ghal aktar minn elf lira maltin jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghuhom jew jmexxuhom;

k. talli fl-istess cirkostanzi serqu vettura tal-ghamla vann tal-ghamla Marina bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur, bil-hin, bil-mezz u li sar ghad-detriment ta'  nies li s' issa mhux maghrufa;

l. talli fil-lejl ta' bejn t-tnejn u ghoxrin u t-tlieta w ghoxrin ta' Awissu, 1999 minn Ta' Xbiex serqu diversi oggetti minn stabbiliment maghruf bl-isem ta' Bonnici Stores li jinsab f'Burmarrad, liema serq huwa aggravat bil-mezz, vjolenza numerika, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin u li sar ghad-detriment ta' Godfrey Bonnci;

m. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsarat fil-bini tal-istabbiliment maghruf bl-isem ta' Bonnici Stores, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda

inqas minn hames mitt lira maltin u li sar ghad-detriment tal-istess Godfrey Bonnici;

n. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom diversi affarijiet li jammontaw ghal aktar minn elf lira maltin jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghuhom jew jmexxuhom;

o. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi serqu vettura tal-ghamla vann tal-ghamla Marina bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur, bil-hin, bil-mezz u li sar ghad-detriment ta' nies li s' issa mhux maghrufa;

p. talli fil-lejl ta' bejn l-hamsa w ghoxrin u s-sitta w ghoxrin ta' Awissu, 1999 mill-Imriehel limiti ta' Hal Qormi serqu diversi oggetti minn stabbiliment maghruf bl-isem ta' Oxford House li jinsab fl-Imriehel, liema serq huwa aggravat bil-mezz, vjolenza numerika, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin u li sar ghad-detriment ta' John Galea;

q. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsarat fil-bini tal-istabbiliment maghruf bl-isem ta' Centro Casalinga, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin u li sar ghad-detriment tal-istess John Galea;

r. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom diversi affarijiet li jammontaw ghal aktar minn elf lira maltin jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghuhom jew jmexxuhom;

s. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi serqu vettura tal-ghamla vann tal-ghamla Marina bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur, bil-hin, bil-mezz u li sar ghad-detriment ta' nies li s' issa mhux maghrufa;

t. talli minn gewwa supermarket li jinsab f'Paceville limiti ta' San Giljan, serqu diversi oggetti minn stabbiliment li s' issa ismu mhux maghruf, liema serq huwa aggravat bil-

mezz, vjolenza numerika, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin u li sar ghad-detriment ta' nies li s'issa mhux maghrufa;

u. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom diversi affarijiet li jammontaw ghal aktar minn elf lira maltin jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghuhom jew jmexxuhom;

**Lil Kevin Falzon u Noel Calleja wahedhom:**

a. talli fl-erbatax ta' Novembru, 1998 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar, F'Hal Balzan, ikkommettew serq ta' madwar mitt lira maltin minn hanut maghruf bl-isem PeeJay's li jinsab f'Hal Balzan, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur, bil-mezz u li sar ghad-detriment ta' Jesmond Scerri;

b. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Jesmond Scerri u lil

Josephine Mallia u dan kontra l-volunta tal-istess Jesmond Scerri u Josephine Mallia;

c. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamlu d-delitt ta' serq kellhom fuq il-persuna taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

d. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zammew u garrew arma tan-nar minghajr licenzja mikll-Kummissarju tal-Pulizija;

e. talli fl-istess cirkostanzi serqu vettura tal-ghamla vann tal-ghamla Marina bin-numru ta' registrazzjoni HAN 143, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur, bil-hin, bil-mezz u li sar ghad-detriment ta' Alfred Barbara;

f. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom flus kontanti li jammontaw ghal aktar minn mitt lira maltin jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghuhom jew jmexxuhom;

g. talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor

mobbli jew immobbli u cioe hsarat fil-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni HAN 143 tal-ghamla Marina u BAB 143 tal-ghamla Hyundai Accent, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin u li sar ghad-detriment tal-istess sidien tal-vetturi;

**Lil Kevin Falzon wahdu;**

a. talli kkommetta reat li ghaliha hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar, 1998 fejn kien instab hati li kkommetta reat u gie kkundannat xahar prigunerija sospiza ghal tlett snin;

**Lil Brian Agius wahdu:**

a. talli seraq vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur, bil-hin u bil-mezz u li sar ghad-detriment a' nies mhux maghrufa;

b. talli f'xi zmien matul is-sena 1997 seraq diversi oggetti minn go stabbiliment maghruf bl-isem ta' Havana Night Club li jinsab f'Paceville limiti ta' San Giljan, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin, liema serq sar ghad-detriment ta' Hugo Chetcuti;

c. talli fl-istess cirkostanzi, xjentement laqa ghandu diversi affarijiet li jammontaw ghal aktar minn mitt lira maltin jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom;

d. talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar, 1998 fejn kien instab hati li kkommetta reat u gie kkundannat tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-konfront tal-imputati Kevin Falzon u Brian Agius datati dsatax ta' Gunju, 2000 esibiti fl-atti a fol 244, fil-konfront tal-

imputat Noel Calleja datati tmienja w ghoxrin ta' Lulju, 2000 esibiti a fol 298 tal-atti u fil-konfront tal-imputat Joseph Calleja datati sittax ta' April, 2001 esibiti a fol 359 tal-atti.

Semghet lil imputati Kevin Falzon u Brian Agius jiddikjaraw fis-seduta tas-sbatax ta' Lulju, 2000 fil-presenza tal-Avukat Difensur taghhom li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat Noel Calleja jiddikjara fis-seduta tat-tmintax ta' Awissu, 2000 fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat Joseph Calleja jiddikjara fis-seduta tal-erbatax ta' Mejju, 2001 fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat d-dokumenti kollha esibiti b'referenza partikolari ghal diversi relazzjonijiet ppresentati kemm fl-inkjesta kif wkoll f'dawn il-proceduri dwar d-diversi serqiet.

Semghet d-diversi xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil imputati Kevin Falzon u Brian Agius jammettu l-akkuzi kollha kif addebitati lilhom u dan fil-presenza tal-Avukat Difensur taghhom nhar s-sbatax ta' Mejju, 2000 kif jirrizulta a fol 204 tal-atti, u cioe xahrejn wara li gew imressqa l-Qorti.

Semghet lil imputat Noel Calleja jammetti l-akkuzi kollha kif addebitati lilu u dan fil-presenza tal-Avukat Difensur taghhom nhar s-sbatax ta' Lulju, 2000 kif jirrizulta a fol 250 tal-atti, u cioe erbgha xhur u nofs wara li gie mressaq l-Qorti.

Semghet lil imputat Joseph Calleja jammetti l-akkuzi kollha kif addebitati lilu u dan fil-presenza tal-Avukat Difensur taghhom nhar l-hmistax ta' Marzu, 2001 kif jirrizulta a fol 351 tal-atti.

Illi ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssib lil imputati kollha hatja tal-akkuzi kif addebitati lilhom fl-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, **salv ghat-tmien akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat Kevin Falzon u cioe li kkommetta reat waqt sentenza sospiza peress li din l-akkuza hija**

**monka peress li ma hemmx sentenza sospiza li allegatament kiser u ghalhekk tilliberah minnha.**

Dwar il-piena:

Principalment il-Qorti tirrileva li l-imputati mhux kollha huma akkuzati bl-istess numru ta' akkuzi u in oltre m'ghandhomx l-istess fedina penali u ghalhekk fic-cirkostanzi ma thossx li ghandha tittratta maghhom bl-istess manjiera u tapplika l-istess piena u ghaldaqstant il-Qorti sejra tittratta maghhom b'mod separat u distint.

Fl-ewwel lok, fil-konfront tal-imputat **Kevin Falzon**, il-Qorti rat li hu akkuzat b'numru kbir ta' serqiet aggravati bil-mezz, bil-vjolenza numerika u bil-valur, oltre l-akkuzi ta' hsara voluntarja, ricettazzjoni, sekwestru ta' persuna, talli kien fil-pussess ta' arma minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija u talli huwa recidiv.

Illi l-imputat Kevin Falzon kellu biss tmintax il-sena meta kkommetta dawn r-reati pero dan nonostante l-fedina penali tieghu hija bhal ktieb u l-imputat diga ghandu tlettax il-conviction registrat fuqha dwar diversi akkuzi ta' serq u ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku. Illi huwa kien diga nghata diversi tipi ta' pieni fosthom multi,

probation orders u sentenzi sospizi, izda dan nonostante ma tghallimx u donnu baqa jinsisti li ghandu jibqa jikser dufrejh mal-Qorti tant li reghha jinsab quddiemha akkuzat fuq disgha w ghoxrin akkuza ohra. Illi l-imputat ghandu dan il-passat kriminali li jmur lura sal-1994, qatt ma ghamel gurnata wahda l-habs u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li l-imputat ghandu jibbenefika minn xi klemenza da parti taghha meta tigi biex tapplika l-piena.

Illi huwa talab li jsir pre-sentencing inquiry report u l-Qorti kienet nnominat lil Probation Officer Carmen Borg ghal dan l-ghan b'digriet taghha tas-sbatax ta' Mejju, 2000. Illi l-Probation Officer Carmen Borg dehret il-Qorti nhar s-sbatax ta' Lulju, 2000 u ppresentat r-relazzjoni taghha li kienet tikkonsisti f'pre-sentencing report in konnessjoni mal-imputat Kevin Falzon li tinsab esibita a fol 253 et seq tal-atti mmarkata bhala dokument CSH 1.

Jirrizulta li l-imputat Kevin Falzon ghamel xi zmien fl'Istituzzjoni ta' St. Patrick u Dar San Giusepp, Santa Venera, pero jirrizulta li l-imgieba tieghu ma kienetx wahda sodisfacenti. Kien tifel imqareb w inkontrollabbli u sahansitra gie anke imkecci. It-trobbija tieghu xejn ma kienet wahda felici tant li ommu kienet torbtu mas-siggu u mas-sodda. Ir-relazzjoni tieghu mal-familja ma hiex wahda

tajba u fil-fatt jzomm biss kuntatt ma ommu. Illi fil-passat kellu ordnijiet tal-Probation Officer Miriam Falzon Sevasta pero qatt ma kien jattendi ghal appuntamenti moghtija lilu minnha u ma kien juri ebda koperazzjoni maghha.

Illi nhar s-sittax ta' Awissu, 2001, l-istess Probation Officer Carmen Borg regghet dehret l-Qorti u ppreesentat updated pre sentencing report fil-konfront tieghu. Dan d-dokument gie mmarkat bhala dokument CB 2 u minn ezami tieghu jirrizulta li l-imputat allegatament qed jahdem fis-settur tat-turismu fl-Ghadira, pero mhux registrat mal-ETC. Huwa ghandu relazzjoni ma certa Frida Calleja, oht l-ko-akkuzat u li llum tinsab tqila minnu.

Illi l-Avukat Difensur sostna li dawn iz-zewg fatturi flimkien mal-ammissjoni bikrija tieghu, ghandhom jghinu lil Qorti sabiex tkun klementi mal-imputat u taghtih cans iehor sabiex huwa jirriforma ruhu.

Il-Qorti thoss li ghandha tqis wkoll l-hsara monetarja li sofrew il-vittmi ta' dan l-kaz u li ma gew kompensati bl-ebda mod meta tigi biex tapplika l-piena fosthom dak li qal Michael Scerri ta' Centro Casalinga li l-oggetti li nsterqulu jammontaw ghal aktar minn elf lira

maltin, Godfrey Bonnici ta' Bonnici Stores li qal li l-oggetti li nsterqulu jammontaw ghal madwar tlett elef u sitt mitt lira maltin, John Galea ta' Oxford House li qal li sofra danni ta' elf hames mija u hamsa w hamsin lira u Stephen Testa ta' Northern TV and Radio Service li qal li nsterqulu b'ammont ta' ghaxart elef lira maltin.

Illi hadd minn dawn in-nies ma gie kkumpensat ghad-danni materjali li sofra.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti taqbel mas-suggerimenti mghotija mill-Probation Officer Carmen Borg fis-sens li l-imputat Kevin Falzon ghandu bzonn jbiddel l-ambjent li jghix fih u cioe li ghandu jghaddi perjodu ta' zmien f'ambjent li jsofri dixxiplina, element li donnu dejjem kien nieqes f'hajtu.

**Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lil imputat KEVIN FALZON ghal piena karcerarja komplessiva ghall-akkuzi kollha ghal perjodu ta' tlett snin.**

**Dwar l-akkuza li huwa ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar, 1998, il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni naqset li**

**tindika il-perjodu ta' prigunerija li gie moghti bhala piena b'din s-sentenza u ghalhekk il-Qorti mhux qed ssibu hati ta' din l-akkuza u mhux ser tordna li xi zmien ta' prigunerija ghandu jigi mizjud mas-sentenza taghha ta' llum.**

Dwar l-imputat **Brian Agius**, il-Qorti rat wkoll li dan ghandu diversi akkuzi u cioe qed jiffaccja hamsa w ghoxrin akkuza. Illi l-fedina penali tieghu tinsab esibita f'dawn l-atti a fol 234 et seq. Illi minn ezami ta' din l-fedina penali jirrizulta li mis-sena 1992 sas-sena 2000 huwa diga nstab hati ta' sebgha akkuzi fosthom akkuzi dwar diversi serqiet u reati bi ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku. Illi bhala piena huwa wkoll inghata diversi Probations, multi u anke nghata sentenza sospiza ta' tmintax il-xahar habs.

Il-Qorti fuq domanda tal-imputat stess kienet nnominat lil Probation Officer Carmen Borg b'digriet taghha tas-sbatax ta' Mejju, 2000 sabiex thejji pre sentencing inquiry report ghar-rigward l-imputat Brian Agius u fis-sbatax ta' Lulju, 2000 l-istess Probation Officer Carmen Borg dehret il-Qorti w ippresentat l-istess rapport li gie mmarkat bhala dokument CSH 2 kif jirrizulta a fol 275 tal-process.

Jirrizulta minn dan il-pre sentencing inquiry report li l-imputat Brian Agius ghamel zmien jghix fl-Istitutzzjoni Dar San Giusepp u dan minn meta kellu erbatax il-sena sa meta ghalaq t-tmintax il-sena. F'dan iz-zmien huwa kellu kondotta tajba u kien bniedem biezel u bil-ghaqal. Jidher li meta l-imputat Brian Agius mar jghix lura d-dar gie influwenzat minn huh Michael li kien jibaghtu jisraq u ghalhekk telaq mid-dar u mar jghix ghal rasu. Kien f'dan il-perjodu li qabad t-triq tal-kriminalita. Jidher li l-akkuzi li nstab hati taghhom dan Brian Agius kienu jikkoncernaw il-perjodu bejn l-1992 u l-1998.

Il-Qorti rat wkoll li f'dan il-kaz l-imputat m'ghamilx tajjeb ghad-danni li sofrew l-vittmi f'dan il-kaz.

Il-Probation Officer Carmen Borg stqarret li Brian Agius fil-ppresent jahdem fil-madum ghalkemm dan ma jirrizultax mill-formoli tal-ETC esibiti fl-atti. Stqarret li l-istess Brian Agius ghamel progress konsiderevoli fl-imgieba tieghu. Il-Probation Officer Carmen Borg issuggeriet li l-imputat jibqa taht supervizzjoni qawwija. Stqarret wkoll fir-rapport addizzjonali taghha li l-imputat ghandu relazzjoni stabbli ma tfajla u ghandu tarbija ta' xahrejn.

F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li minhabba l-passat kriminali tal-imputat Brian Agius u l-fatt li l-vittmi ma gewx rimborsati, il-piena idoneja hija dik ta' prigunerija.

**Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lil imputat BRIAN AGIUS ghal piena karcerarja ta' sentejn u nofs fuq dawn il-proceduri. Oltre dan tordna, stante l-ammissjoni tieghu stess ghal din l-akkuza, li s-sentenza sospiza ta' tmintax il-xahar prigunerija moghtija nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar, 1998 mill-Qorti tal-Magistrati tigi operattiva.**

**B'hekk l-imputat BRIAN AGIUS irid jaghmel erbgha snin prigunerija b'kollox.**

Dwar t-tielet imputat u cioe **Noel Calleja** il-Qorti rat li dan wkoll ghandu numru kbir ta' akkuzi addebitati lilu u fil-fatt ammettihom. Rat il-fedina penali tieghu li tinsab esibita a fol 241 tal-atti markata bhala dokument JH 4 li hija nadifa u minghajr ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha, ghalkemm il-Probation Officer infurmat lil Qorti li nhar s-sbatax ta' Lulju, 2001 huwa kien instab hati ta' akkuza dwar ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku.

Rat li l-akkuzi odjerni huma serji hafna u l-vittmi ma gewx kkumpensati ghad-danni li sofrew. Rat wkoll li dan l-imputat gie nfluwenzat mill-ko-akkuzat Kevin Falzon fil-kommissjoni tar-reati.

Illi l-Probation Officer fir-rapport taghha esibit fl-atti fis-seduta tas-sittax ta' Awissu, 2001 markat bhala dokument CB 2, tghid li l-imputat Noel Calleja illum ghandu relazzjoni ma tfajla liema relazzjoni hija stabbli, li ghandu impjieg fiss full time bhala labourer mas-socjeta Ballut Blocks u li fil-fatt ilu jahdem mill-1996 ma din l-stess kumpanija u li ma ghandu l-ebda record t'abbuza ta' droga.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tghin lil dan l-imputat Noel Calleja sabiex jibqa fit-triq t-tajba. Ghalhekk thoss li ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza sabiex sservi ta' mannara fuq ras l-istess Noel Calleja f'kaz li jizbalja u tpoggih taht s-supervizjoni tal-Probation Officer Carmen Borg.

**Ghaldaqastant il-Qorti qed tikkundanna lil imputat NOEL CALLEJA ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin u tpoggih taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Carmen Borg ghal perjodu ta' tlett snin b'dan li l-istess Probation Officer ghandha tirrelata lura lil din l-istess Qorti kull erbgha xhur dwar**

**l-andament tieghu. L-imputat probationer ghandu joqghod ghall-ordinijiet kollha li l-istess Probation Officer Carmen taghtih u fin-nuqqas li jaghmel hekk, il-Qorti trid tkun infurmata immedjatament b'dan in-nuqqas.**

Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservaha.

Dwar l-ahhar imputat u cioe **Joseph Calleja**, il-Qorti rat li huwa wkoll ghandu diversi akkuzi. Rat il-fedina penali tieghu esibita mill-Pulizija markata bhala dokument JH 3 li tinsab a fol 240 tal-atti processwali minn fejn jirrizulta li l-imputat instab hati ta' reat kontra l-Ordinanza tat-Traffiku fejn gie kkundannat multa.

Rat r-relazzjoni tal-Probation Officer minn fejn jirrizulta wkoll li dan l-imputat kellu xi problemi fit-trobbija tieghu, izda llum il-gurnata jinsab f'relazzjoni tajba mal-familja u ghandu impjieg regolari ma Ballut Blocks kif jirrizulta mill-formola tal-ETC esibita fl-atti. Rat li dan l-imputat wkoll ma ghamilx tajjeb ghad-danni li sofrew il-vittmi f'dawn il-proceduri.

Fic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha taghti l-istess tip ta' piena li nghatat fil-konfront tal-imputat Noel Calleja u cioe li tikkundannah ghal piena karcerarja sospiza.

**Ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat JOSEPH CALLEJA ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin u tordna li jitpogga taht s-supervizjoni kontinwa tal-Probation Officer Carmen Borg li ghandha tirrelata lura lil din l-istess Qorti kull erbgha xhur dwar l-andament tieghu. L-imputat Joseph Calleja ghandu jsegwi l-kundizzjonijiet u ordnijiet li jigu moghtija lilu mill-Probation Officer Carmen Borg minn zmien ghal zmien u fin-nuqqas il-Qorti tezigi li tigi nfurmata minnufih.**

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputati jhallsu l-ispejjez tal-esperti nominati ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti rat li dawn l-ispejjez gew inkorsi fil-kors tal-inkjesta u mhux fil-kumpilazzjoni u ghalhekk in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Farrugia, dawn l-ispejjez m'ghandhomx jigu addebitati lil imputati u ghalhekk tichad tali talba.

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lil Probation Officer Carmen Borg.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**